Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/09*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 09 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-08**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Laqgħa Pubblika**

Is-sena finanzjarja tal-Kunsill tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru u għalhekk irid jiġi ippreżentat, diskuss u approvat il-baġit għas-sena 2014 kif ukoll il-pjan ta' ħidma għat-tlett snin li jmiss. Il-baġit għandu jkun approvat wara li jkun diskuss waqt laqgħa pubblika. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha issir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2013 fis-7.00pm. Ser isiru l-avviżi dwar il-laqgħa pubblika kemm fuq gazzetti lokali kif ukoll permezz tal-fuljett li jippubblika l-Kunsill.

**4. Quarterly Financial Rep.:- Jannar-Marzu/April-Ġunju/Lulju-Settembru 2013**

Dawn ir-rapporti finanzjarji ta' kull kwart kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill minn qabel. Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti finanzjarji kif preżentati u ġew approvati unanimament.

**5. Rapport Annwali Amministrattiv 2012**

Ir-Rapport Annwali Amministrattiv kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill minn qabel. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul ir-rapport amministrattiv li ġie approvat unanimament.

**6. Attivitajiet fi żmien il-Milied**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-attivitajiet li se jiġu organizzati kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Diġa bdew isiru l-preparamenti biex jittellgħu l-plays tat-tfal u anke tal-kbar. Il-Librara Marvic Attard Briffa qed tikkordina biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw l-affarijiet li jkun hemm bżonn biex dawn ikunu jistgħu isiru.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar l-armar u tiżjien tal-Pjazza u Triq Dun Karm Caruana ser isir kif miftiehem fl-aħħar laqgħa ukoll jiġifieri mill-Għaqda tal-Armar tal-Festa. Is-Sindku ippropona wkoll li issir ħarġa għal Malta għall-familja fejn inżuru l-Belt Valletta, Tigne Point u Daniel's Shopping Complex il-Ħamrun. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-ħarġa se tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru.

**7. Korrispondenza**

7.01 Memo 27/2013 – Ġbir ta' Skart Separat - informazzjoni

7.02 Memo 28/2013 – Pool ġdid ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi

7.03 Ir-Reġjun t'Għawdex informa lill-Kunsill li se jibda ikun hemm servizz ta' Gwardjani Lokali Ambjentali u b'hekk isir infurzar fuq l-ambjent fil-lokalitajiet. Ir-Reġjun t'Għawdex talab informazzjoni dwar abbużi li jistgħu qed isiru f'kull lokalita. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett. Il-Kunsillier Frank Formosa issuġġerixxa li jssir sorveljanza dwar l-iskart fi Triq il-Fanal u Triq Maxrabija. Huwa qal li qed ikollu ħafna ilmenti peress li tal-farmhouses qed joħorġu l-iskart f'ħinijiet wara li jkun għadda tal-iskammel u anke fi ġranet meta ma jinġabarx skart bħal nhar ta' Ħadd u l-Ħamis. Il-Kunsill diversi drabi kien avża lis-sidien tal-farmhouses dwar dawn l-abbużi iżda sfortunatament xorta baqa' jinħareġ skart f'ħinijiet li mhux permess. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lir-Reġjun t'Għawdex dwar dawn l-abbużi sabiex jittieħdu passi kontra min qed jabbuża.

7.04 Nicholas Haber u Beppe Galea f'isem l-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ ta' Għawdex infurmaw lill-Kunsilli dwar attivita li jixtiequ jorganizzaw fejn anke jinġabru fondi għall-Strina. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi informa lill-Kunsill li l-Ambaxxaturi għandhom jerġgħu jiltaqgħu biex jaraw kif se jorganizzaw din l-attivita. Il-Kunsill qabel li jekk din l-attivita tkun ser issir u l-Kunsilli l-oħra jagħtu l-għajnuna tagħhom, minn naħa tagħna noffru li ngħinu ukoll.

7.05 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar Triq Wied L-Għasri ma tistax tkun approvata permezz ta' DNO iżda trid issir full development application. Għalhekk l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar fondi taħt Measure 313 tista' tiġi invalidata. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiltaqa' mal-Perit sabiex issir applikazzjoni għall-proġett fi Triq Wied L-Għasri li jkun jinkludi ħitan tas-sejjieħ, it-taraġ li jwassal għall-bajja u passaġġi oħra. B'hekk meta toħroġ xi applikazzjoni għal fondi ikolna l-permessi meħtieġa u inkunu nistgħu napplikaw għalihom.

7.06 Louis Debattista f'isem Gozo Greyhounds Youth Athletic Club informa lill-Kunsill dwar attivita sportiva li tista' issir għaż-żgħażagħ. Is-Sindku ippropona

li għandna niltaqgħu mas-Sur Louis Debattista u naraw x'nistgħu norganizzaw. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiltaqa' mas-Sur Debattista sabiex jiddiskuti miegħu dwar dan is-suġġett.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-09 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Materja oħra**

9.01 Gudrun Moggach talbet sabiex titranġa l-bankina tagħha peress li qegħda fi stat perikoluż. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-Kunsill.

9.02 Charlie Saliba talab biex titranġa Triq Wied L-Għasri peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill iddiskuta dwar din it-triq peress li wara kull xita li tagħmel mill-ewwel terġa' timtela bil-ħofor peress li jgħaddi ħafna ilma. Din hija triq li għadha mhix asfaltata. Il-Kunsill qabel li nirranġaw din it-triq bil-materjal li hemm u b'hekk ma jsirux ħafna spejjeż.

9.03 Frank Frendo ta' Triq Wied Sara talab biex jitranġa l-ħajt li jwassal għal garaxx tiegħu. Il-Kunsill qabel li meta jkolna l-ħaddiema dan ix-xogħol ikun jista' jsir. Iżda qabel isir ix-xogħol il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw jekk dan hux responsabilta' tal-Kunsill jew tas-sidien tal-egħlieqi.

9.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Appelli (Dipartiment Għall-Gvern Lokali) reġa' beda jisma' dwar appell li kien sar minn Mario Bugeja dwar offerta għal tindif ta' toroq liema offerta kienet ħarġet fl-2009. Mario Bugeja kien għamel appell peress li ma ingħatax l-offerta minkejja li kellu l-irħas waħda. Il-Kunsill preċedenti kien ta l-offerta lil Godfrey Borg għar-raġuni li Mario Bugeja ma kellux permess mill-MEPA biex ikun jista' jġorr l-iskart biex jarmih f'post awtorizzat (RCV – Refuse Carrier Vehicle). Il-Kunsill kien ta ż-żmien kollu possibbli lil Mario Bugeja biex iġib dan il-permess liema permess kien jista' jinħareġ mill-MEPA fi ftit jiem. Peress li huwa baqa' ma ippreżentax dan id-dokument lill-Kunsill, il-Kunsill kien iddeċieda li jagħti l-kuntratt lill-offerent li kien it-tieni l-irħas u li kellu l-permessi kollha meħtieġa u skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Wara li Bugeja appella, dan kien instema' inkluż ix-xhieda kollha u kien għas-sentenza. Għal xi raġuni wara aktar minn tlett snin is-sentenza baqgħet ma ingħatatx. Is-Sindku qal li issa il-Bord il-ġdid tal-Appelli reġa' sejjaħ liż-żewġ naħat jiġifieri lill-Kunsill u lil Mario Bugeja sabiex jerġa' jinstema' dan il-każ. Is-Sindku qal li l-Bord il-ġdid infurmahom li d-dokumenti kollha li kien hemm kienu intilfu inkluż ix-xhieda li kienet ingħata u għalhekk jista' jkun li jkolna nerġgħu intellgħu x-xhieda. L-uniku dokument li kellhom kienet ir-rikors li sar minn naħa tal-avukat tal-Kunsill. L-Avukat tal-Kunsill Jean Paul Grech se jerġa' jagħmel il-file u jibgħatu lill-Bord. Is-smigħ li jmiss ser ikun nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2014.

9.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif kien miftiehem fl-aħħar laqgħa saret applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema dwar attivitajiet. Jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata u ningħataw il-fondi, l-attivita ser issir ġimgħa qabel il-festa tar-raħal tagħna fejn isiru diversi attivitajiet fosthom Kunċert fil-Knisja, wine tasting, wirja piroteknika, mużika u divertiment ieħor fi Pjazza s-Salvatur. Ser issir ukoll il-preżentazzjoni tal-innu l-kbir bil-koperazzjoni tal-grupp Lauda

Sion. Ikun hemm ukoll wirja ta' arti u artiġġjanat bil-koperazzjoni tal-grupp Mekx.

9.06 Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa, is-Sindku iltaqa' mad-Direttur ta' Green mt is-Sur Joe Attard biex jaraw x'inhuma l-possibiltajiet li jerġa' jibda jsir il-ġbir tal-ħġieġ riċiklabbli. Is-Sindku qal li minn naħa ta' Green mt mhux possibbli li din issir nhar ta' Ħamis peress li mhix vijabbli għalihom. Huwa qal li saru żewġ proposti dwar kif jista' jibda jinġabar il-ħġieġ. Il-Kunsill jista' jibda jiġbor il-ħġieġ nhar ta' Tlieta darba fix-xahar u dak in-nhar ma jinġabarx skart riċiklabbli fil-borża l-griża. Il-proposta l-oħra hija li jsiru aktar bins simili għal tal-Bring in Sites imma iżgħar. Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn il-proposti u qabel li m'għandnix inżidu aktar bins peress li jista' jkun hemm abbużi ta' tfigħ ta' skart ieħor. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss darb'oħra biex naraw ikunx hemm aktar proposti kif jista' jibda jinġabar il-ħġieġ riċiklabbli.

9.07 Il-Kunsillier Frank Formosa informa lill-Kunsill li fi Triq il-Fanal qed ikun hemm problemi ta' parking. Is-Sindku issuġġerixxa li indaħlu skema ta' parking. Il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw ma' Transport Malta jekk hux possibbli li issir skema ta' parking fi Triq il-Fanal.

9.08 Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu sejħa għall-offerti sabiex Triq il-Fanal (l-aħħar parti sa fejn joqgħodu r-residenti) tingħata kisja bit-tarmak. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |